

# X'QALU GĦAS-SIĠĠIEWI

*Guido Lanfranco*

Meta l-istazzjonijiet tar-radju f'Malta bdew jiżdiedu u daħlet is-sistema tal-phone-ins fil-bidu tas-snin disgħin tas-seklu għoxrin, saret ħaġa possibbli li l-kelliema u s-semmiegħa jitkellmu bejniethom waqt il-programmi. Kelli ħafna programmi fuq ir-radjijiet u bdejt nagħżel suġġetti li jikkonċernaw id-drawwiet u t-tradizzjonijiet Maltin li dwarhom xtaqt niġbor aktar informazzjoni u għalhekk bdejt norjenta l-mistoqsijiet tiegħi b'mod li l-anzjani jitħajru jgħidu tagħhom. Ittraskrivejt ir-*recordings* u hawn qed inġib ftit li huma ta' interess għas-Siġġiwin.

**Ħobż ta' San Nikola**

*Mara, Siġġiewi, 1-VI-1993:* "Meta jkun il-maltemp, kellhom ħobż żgħir, ta' San Nikola, ixxarbu fl-ilma u tgħid xi talb biex jieqaf il-maltemp. (*Ommi*) kienet terfagħhom ġo borża tax-xarten imdendla mas-sodda."

*Mara, Siġġiewi, 6-XII-1995:*

"Konna nagħmlu l-ħobż ta' San Nikola fl-oratorju. . . Kont għadni tfajla. . . Boċċa fin-nofs u sitta fid-dawra.. . Konna nduru dawra ma' San Nikola biex isibilna ġuvni tajjeb. Meta kien ikun il-maltemp niftakar lil ommi tagħmilha (*il-ħobża*) fil-ħoġor tat-tieqa biex jiskansana mill-maltemp"

**Daqq tal-Qniepen**

*Raġel, Siġġiewi, 16-II-1994:* "Xi ħamsa u sittin sena ilu fil-ħdax ta' filgħodu kien idoqqilna biex nieħdu xi ħaġa tal-ikel . . . Kuljum, tul ir-randan kollu. (*Ommi*) kienet taħbilna kollox biex tnessina, imma aħna konna nistennew il-qanpiena ddoqq biex kulħadd imur jiekol xi ħaġa.

"Wara nofsinhar kienu jdoqqu l-qanpiena għall-eżerċizzi . . . Konna ngħidulha 'kromb u ful' . . . Bum! . . Tan! . . . (*L-eżerċizzi*) Jibdew mit-tlieta ta' wara' nofsinhar u jkomplu sa filgħaxija, għax l-ewwel tax-xebbiet imbagħad tan-nisa . . . Idoqqu għal kull waħda, u jdaħħluk fl-ispirtu . . . U wieħed lil ieħor: 'Ara l-lejla mmorru!'. Għall-eżerċizzi s-saċerdot ma jkunx mir-raħal, u joqgħod ġimgħa hemm. Kienu jagħmlu disputa bejn żewġ saċerdoti. Il-Ġimgħa fit-tlieta ta' wara' nofsinhar idoqqu dejjem. Kif tinżel ix-xemx iddoqq l-Ave Marija. Kulħadd ineħħi l-beritta, . . . Tar-raħal . . . Jirritornaw mill-għelieqi. Il-Ħamis iddoqq dejjem. Filgħaxija ddoqq il-Via Sagra, wara t-trapassjoni, meta jidlam. . . . Il-ġimgħa kollha."

*Raġel, Siġġiewi, 23-11-1994:* "Dwar 'ir-rifsa' tal-qniepen; daż-żmien naqsu n-nies li jdoqqu l-qniepen. Allura kienu armaw fil-kampnar ċerta ħbula biex sagristan wieħed idoqq aktar minn waħda; naħseb li 'r-rifsa' kienet il-ħbula t'isfel."

*Raġel, Siġġiewi, 16-XII-1994:* "Kif tinżel ix-xemx iddoqq l-Avemarija; kulħadd ineħħi l-beritta, tar-raħal, . . . jirritornaw mill-għelieqi."

**Ġebel mis-Siġġiewi**

*Manwel Quattromani, 89 sena, San Pawl il-Baħar, mill-Mosta, 18-VI-1996:*

"Mill-iskola ħriġt fl-1920, ta' tlettax . . . Missieri kien bennej il-Mosta . . . Qalli: 'Issa x'se tagħmel?'. . . Għedtlu: 'Mhux bħal ħuti?'. . . (Kelli ħuti żewġ *teachers*, mara u raġel, il-Mosta) . . . qalli: 'Kont se ngħidlek x'tagħmel! . . . Taf kemm għandhom ħutek? . . . six pence kuljum! . . . Ħmistax-il xelin kull xahar . . .' U qalli: 'Ejja miegħi . . .' Kien qed jaħdem il-kampnar tal-Birgu . . . (U dam il-qorti fuqu tlettax-il sena dak) . . . ta' San Lawrenz . . .

Meta konna naħdmu l-Birgu kienu jġibu ġebel mis-Siġġiewi . . . U mort miegħu nagħġen it-tajn. Bdejt nonġor ma' missieri, u nagħmel il-lavur fil-ġebel. Id-disinn bl-iskarppell . . . Bl-isgoġġ, bid-dent. . . Skont l-angolu; id-dent huwa x-xifer."

***Fil-gwerra***

*Carmel Vella, Sliema, bil-miktub, 20-VI-2005:* "Waqt l-attakk tal-11 ta' Marzu 1942 serbut ta' bombi, ħamsa b'kollox, waqgħu fi Triq Santa Rita (Tas-Sliema) fuq id-dar ta' ziti u ta' madwarha, eżatt fuq ix-xelter. Ommi kienet viċin il-bieb, korriet serjament u damet xi tliet xhur l-isptar. Minbarra li mietu 23 kien hemm ukoll 30 feruti u b'kollox 71 ruħ spiċċaw mingħajr dar. Wara li xi nies tawna nixorbu ilma jew ftit kafè ħaduna l-iskola tal-gvern biex niddewwew u filgħodu ħaduna f'dar kbira s-Siġġiewi fejn bqajna hemm għal xi jiem."

***Santi taċ-ċikwejra / nagħaġ / ġbejniet***

*Mara, Siġġiewi, 31-VIII-2006:* "Il-*mummy* tiegħi kienet issajjar il-kafè biċ-ċikwejra u, dak iż-żmien kien ikollhom santa ġo fiha . . . Pakketti . . . Kulħadd irid din l-imbierka santa għax kienu jkunu ħafna sbieħ.

"Jien ma niftakarx, imma l-*mummy* kienet tibgħathom (lil ħuti l-kbar) jixtru ftit ħalib tal-mogħża mit-triq.

"Ommi . . . Kellna n-nagħaġ u filgħodu fis-sebgħa kien hemm raġel ragħaj li konna noħduhomlu. Ommi kellha tnejn; konna niżbgħuhom biex jingħarfu, u f'xi l-erbgħa jerġa' jġibhom."

*Mara, Siġġiewi, 2-IX- 2004:* "Meta konna żgħar ommi kellha n-nagħaġ. Kien hawn raġel kien jiġbor in-nagħaġ tas-Siġġiwin u joħroghom passiġġata. Allura dawn in-nagħaġ konna niżbgħuhom, . . . Nagħmlulhom daqsxejn kulur, . . . Per eżempju tagħna ħomor, u ta' dik ħodor, u konna ntuħ xi ħaġa. Imbagħad kien jeħodhom fir-raba' . . . Kien raba' miftuħ biex jirgħu. Konna noħduhomlu fis-sebgħa u nofs ta' filgħodu u f'xi s-sagħtejn immorru niġbruhom. Kellna tlieta nagħaġ, biex ikollna l-ġbejniet għalina. Kienet tagħmel il-ġbejniet ommi. Niftakar li kienet iżżomm l-istonku tal-ħaruf . . . Kien ikun imdendel u niftakar ukoll kienu jagħtu 'l xulxin il-ġirien . . . Isellfuh waħda lill-oħra. Kienet tpoġġi l-ġbejniet fil-qwieleb iż-żgħar, bojod. Ommi kienet tagħmel il-ġbejniet fil-bitħa, ġo barmil. Il-qwieleb tat-tibna (tas-sogħda) Kien ftit iħxen minn tal-plastik. Wieħed ħdejna kien jaħdem il-qasab; qfief żgħar kienu jgħidulhom qaleb."

***Logħob***

*Mara, Siġġiewi, 31-VIII-2006:* Konna noqogħdu fuq l-għatba, speċjalment meta kienet tkun nieżla x-xita . . . Missieri, miskin, Alla jaħfirlu, kien joqgħod jagħmlilna dgħajjes tal-karti u noqogħdu narawhom ma' dan il-wied tax-xita."

*Raġel, Siġġiewi, twieled 1946:* 15-VII-2004 "Konna nilagħbu t-trija fl-art. Nagħmlu forma ta' bandiera Ingliża kwadra fl-art mbagħad nilagħbuha bil-ġebel jew bil-karti . . . Indawruhom. Biex tagħmel trija (biex tibraħha) it-tliet boċoċ iridu jiġu bi dritt xulxin. Konna noqogħdu bilqiegħda fl-art . . . Konna nkunu xi tnejn jew tlieta . . . Trid tiġi fuq il-linja tad-disinn.

"Konna nqattgħu l-pakketti tas-sigarretti, naqtgħuhom bl-imqass, u nagħmlu ċinturin . . . Indaħħluhom waħda ġo l-oħra . . . Ħoloq ħoloq.

"Konna nagħmlu wkoll il-logħba tal-bojja. Kaxxa tas-sulfarini, twaddabha b'xi ħaġa fiha, bħal boċċa, tgħolliha . . . Jekk tiġi ċatta tieħu l-kastig, jekk tiġik fuq in-naħa fejn tħokk is-sulfarina jagħtik kastig żgħir, imma jekk tiġik fuq fejn iddaħħal il-kexxun, wieqfa, tkun int is-sultan. Konna naqtgħu għalih min kien se jkun is-sultan. Għall-kastig konna nagħmlu żewġ għoqod jew tlieta fil-maktur u nagħtuhom fuq idejhom. . . . Kienet tweġġa' taf!"

***Fis-sajf***

*Mara, twieldet fis-snin tletin, 15-VII-2004:* "Qabel il-gwerra, dejjem kelli dawk is-seba' snin, ix-xorb kien jikkonsisti f'ilma frisk u

min kien ikollu siġra tal-lumi jagħsru, lumi biz-zokkor, u kienet tkun xarba flok is-soft drinks tal-lum. Indendluh fil-bir u nżommuh fil-bomblu tal-fuħħar.. Kien iżomm frisk.

"Għal ħdejn il-baħar, karrozzi ma kienx hemm. Ħdejn il-baħar gruppi ta' nies, il-kbar jieħdu ħsieb iż-żgħażagħ. Iterrqu lejn Għar Lapsi, jew iż-Żurrieq, fil-ħamsa ta' filgħodu biex ma nkunux fix-xemx. Niftakarni ferħ kbir . . . Konna nieħdu magħna, il-biċċa l-kbira, tadam, ħjar, żejt, . . . Affarijiet hekk, jew xi balbuljata tajba wkoll. Min kien jista' kien iġorr miegħu spiritiera tal-istim u jaqli xi fenek fejn il-baħar.

"L-ilbies mhux talli ma kienx imqaċċat bħal tal-lum imma l-irġiel, bħal ħafna li kienu jaħdmu fir-raba' u l-barrieri, kienu għadhom jużaw il-flanella . . . Jaqbdek il-bard taraha biss! Dik tixrob l-għaraq u ma joħolmux jilbsu mqaċċtin. In-nisa xorta waħda kienu jilbsu dawk id-dbielet twal tax-xoqqa biex iżommuhom friski.

"Għall-passatemp kellna l-qiegħa . . . Ħafna tfal jilagħbu fejn jidirsu l-qamħ u x-xgħir. Meta jkun ftit taż-żiffa (it-tfal) ilebilbu x-xgħir . . . Jilagħbu b'dak it-tleblib tal-qiegħa.

"Kellna l-irqad fuq il-bjut. Ħafna familji kienu jagħmlu tinda fuq il-bejt, jifirxu kutri fl-art u lożor fuqhom u joqogħdulek fuq il-bejt . . . Familji sħaħ. Dak kien l-air conditioner ta' dak iż-żmien!"

***Karnival***

*Raġel, Callus, ta' 76 sena, Siġġiewi, 22-II-1995:* "Fis-Siġġiewi kien hawn dar qadima ta' żmien il-kavallieri. Kont għadni tifel ta' xi sitt snin, konna mmorru t-tfal inħarsu, xi xahar qabel il-karnival. Jittrenjaw fil-bitħa kbira. Jilbsu ta' Torok l-irġiel, u jilbsu taparsi Maltin, jagħmlu taparsi kanun fuq karrettun bil-ħmara . . . Fis-snin għoxrin . . . Imbagħad kienu joħorġu fil-karnival, għall-parata. Konna ngħidulha wkoll kummittiva. Għandi ritratt meħud fil-pjazza, fl-1922, tan-nies kollha li ħadu parti fil-kummittiva . . . Issa lkoll mejtin . ."

***Figolla***

*Mara, Siġġiewi, 12-IV-1995:* "Ħaruf sabiħa (figolla) . . . Mhux wieqfa . . . Mimduda bħal figolla. L-art ħamranija, raġġiera bil-gold, ċoff aħmar, għajnha ħamra tal-ħġieġ, bandiera bajda bis-salib aħmar, mas-saqajn ċirasa tawwalija ħamra biex dejjem taqta' fuq l-abjad. L-icing mhux plain imma fjuri fjuri . . . Vera bellezza. Ġieli jagħmluha biex jagħtuha lil xi ħadd tar-rispett. Il-forom tislifhomlha z-zija soru. Il-mili jrid isir kollox fiha u ssir fil-forn bil-forma b'kollox."

***Ġulepp / labtu***

*Mara anzjana, Callus, Siġġiewi, 15-II-1995:* "Lili jġibuli ġulepp tal-ħarrub minn Ħal Qormi. Sibtu tajjeb ħafna speċjalment meta kienu jtuni xrieraq filgħodu . . . Nagħmel kuċċarina jew iżjed mal-misħun . . . Nagħmillu naqra aniżetta u nixorbu . . . Għax nużah.

"Ommi, kont għadni żgħira, kienet tilbes ġlekk aħmar u labtu fuq wara u quddiem . . . Naħseb li tan-Nazzarenu kien . . . Niftakarha. Nhar t'Erbgħa u nhar ta' Sibt, kellna xi wegħda tal-Madonna u kienet tlibbisna l-iswed."

*Mara, Siġġiewi, 18-I-1995:* "Ommi kienet tħit u kienet tmur mal-għarusa l-Belt tixtri (d-drapp) tal-libsa tat-tieġ, u x'ħin tixtri l-libsa (l-għarusa) kienet teħodha lil ommi (biex) tixtrilha xi ħaġa tad-deheb (rigal) jew xi labra jew xi par imsielet . . . U ommi imtliet bid-deheb hekk . . . Ilha mejta tmintax-il sena . . . Kellha wieħed u tmenin sena. Ommi kienet ukoll tmur issajjar l-ikel (tat-tiġijiet) u tagħmlilhom l-ikla d-dar."

***Providenza festa***

Mara, Siġġiewi, 3-VIII-1994: "Hawnhekk is-Siġġiewi, Tal-Providenza, nagħmlu l-festa l-Ħadd għat-tmienja ta' Settembru u kien ikun hemm it-*toys*. Missieri kien jeħodna, jixtrilna bħal pupi, eċċ. . . . Issa nqatgħet tat-toys. Għadna nagħmlu l-festa tal-Bambina . . . Festa żgħira . . . Kienet issir fiera żgħira. Missieri kien jeħodna u jixtrilna t-toys dakinhar, mhux fil-Christmas. Issa l-fiera għadha ssir iżda mhux bit-*toys*. Issir fl-aktar Ħadd viċin tat-tmienja ta' Settembru filgħaxija."